

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/1129****tat-30 ta' Lulju 2020****li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/1509 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1509 tat-30 ta' Awwissu 2017 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 329/2007 <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 47(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-30 ta' Awwissu 2017, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2017/1509.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 47a(1) tar-Regolament (UE) 2017/1509, il-Kunsill irrieżamina l-listi ta' persuni u entitajiet deżinjati li jinsabu fl-Annessi XV, XVI, XVII u XVIII għal dak ir-Regolament.
- (3) Il-Kunsill ikkonkluda li l-miżuri restrittivi kontra l-persuni u l-entitajiet kollha fil-listi li jinsabu fl-Annessi XV u XVI għar-Regolament (UE) 2017/1509 jenħtieġ li jinżammu, li d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet għal dsatax-il persuna u l-informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' ħames persuni u żewġ entitajiet jenħtieġ li jiġu aġġornati u li l-ġeneru tal-persuni fiżiċi kollha elenkati fl-Anness XV jenħtieġ li jiġi inkluż fl-informazzjoni ta' identifikazzjoni.
- (4) Għaldaqstant, l-Annessi XV u XVI għar-Regolament (UE) 2017/1509 jenħtieġ li jiġu emendati skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Annessi XV u XVI għar-Regolament (UE) 2017/1509 huma emendati kif stabbilit fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidhrol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Lulju 2020.

Għall-Kunsill  
Il-President  
M. ROTH

---

<sup>(1)</sup> ĠU L 224, 31.8.2017, p. 1.

(1) Fl-Anness XV għar-Regolament (UE) 2017/1509, il-Parti (a) ('Persuni fiżiċi indikati f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 34(4)'), l-entrati 1 sa 27 jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

	Isem (u alternattivi possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-deżinjazzjoni	Raġunijiet
"1.	CHON Chi Bu (CHON Chi-bu)	Ġeneru: maskil	22.12.2009	Membru tal-Uffiċċju Ġenerali tal-Enerġija Atomika, eks direttur tekniku ta' Yongbyon. Ritratti rabtuh ma' reattur nukleari fis-Sirja qabel ma ġie bbumbardjat minn Iżrael fl-2007.
2.	HYON Chol-hae (magħruf ukoll bħala HYON Chol Hae)	Data tat-Twelid: 13.8.1934 Post tat-Twelid: Manchuria, iċ-Ċina Ġeneru: maskil	22.12.2009	Marixxall tal-Armata Militari tal-Poplu Korean minn April 2016. Eks Viċi Ministru għall-Forzi Armati tal-Poplu, eks Viċi Direttur tad-Dipartiment tal-Politika Ġenerali tal-Armata tal-Poplu Korean (konsulent militari tal-mejjet Kim Jong-Il). Membru tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema elett f'Mejju tal-2016 waqt is-Seba' Kungress tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea fejn il-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea adotta deċiżjoni biex ikompli bil-programm nukleari tar-RDPK.
3.	O Kuk-Ryol (magħruf ukoll bħala O Kuk Ryol)	Data tat-Twelid: 7.1.1930 Post tat-Twelid: il-Provinċja ta' Jilin, iċ-Ċina. Ġeneru: maskil	22.12.2009	Eks Viċi President tal-Kummissjoni tad-Difiża Nazzjonali, li kienet korp ewlieni għal kwistjonijiet tad-difiża nazzjonali fir-RDPK qabel ma ġie rrifurmat fil-Kummissjoni tal-Affarijiet Statali (State Affairs Commission, SAC), li tissorvelja l-akkwist barra mill-pajjiż ta' teknoloġija avvanzata għal programmi nukleari u ballistiċi. Eks Membru tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea elett f'Mejju tal-2016 waqt is-Seba' Kungress tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea fejn il-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea adotta deċiżjoni biex ikompli bil-programm nukleari tar-RDPK.
4.	PAK Jae-gyong (magħruf ukoll bħala Chae-Kyong; PAK Jae Gyong)	Data tat-Twelid: 10.6.1933 Numru tal-passaport: 554410661 Ġeneru: maskil	22.12.2009	Ġeneral tal-Armata tal-Poplu Korean. Eks Viċi Direttur tad-Dipartiment tal-Politika Ġenerali tal-Forzi Armati tal-Poplu u eks Viċi Direttur tal-Uffiċċju tal-Loġistika tal-Forzi Armati tal-Poplu (Konsulent militari tal-mejjet Kim Jong-Il). Kien preżenti waqt l-ispezzjoni ta' KIM Jong Un tal-Kmand tal-Forzi Ballistiċi Strateġiċi. Eks Membru tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea. President tal-Kumitat Korean tal-Veterani kontra l-Imperjaliżmu.
5.	RYOM Yong	Ġeneru: maskil	22.12.2009	Direttur tal-Uffiċċju Ġenerali tal-Enerġija Atomika (entità ddeżinjata min-Nazzjonijiet Uniti) responsabbli mir-relazzjonijiet internazzjonali.
6.	SO Sang-kuk (magħruf ukoll bħala SO Sang Kuk)	Data tat-twelid: bejn l-1932 u l-1938 Ġeneru: maskil	22.12.2009	Kap tad-Dipartiment tal-Fiżika Nukleari, Università Kim Il Sung.

7.	Logutenent Ġenerali KIM Yong Chol (magħruf ukoll bħala: KIM Yong-Chol; KIM Young-Chol; KIM Young-Cheol; KIM Young-Chul)	Data tat-Twelid: 1946 Post tat-Twelid: Pyongan-Pukto, RDPK Ġeneru: maskil	19.12.2011	Membru tal-Kummissjoni Militari Ġentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea; tal-Politburo u l-Kummissjoni għall-Affarijiet tal-Istat tar-Repubblika Demokratika Popolari tal-Korea. Eks Kmandant tar-Reconnaissance General Bureau (RGB), entità sanzjonata mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti. Eks Direttur tad-Dipartiment tal-Front Magħqud.
8.	CHOE Kyong-song (magħruf ukoll bħala CHOE Kyong song)	Data tat-Twelid: 1945 Ġeneru: maskil	20.5.2016	Kurunell Ġeneral tal-Armata tal-Poplu Korean. Eks membru tal-Kummissjoni Militari Ġentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, li hija korp ewlieni għal kwistjonijiet ta' difiża nazzjonali fir-RDPK. Responsabbli mill-għoti ta' sostenn jew mill-promozzjoni ta' programmi tar-RDPK li għandhom x'jaqsmu ma' armi nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħra ta' qerda massiva.
9.	CHOE Yong-ho (magħruf ukoll bħala CHOE Yong Ho)	Ġeneru: maskil	20.5.2016	Kurunell Ġeneral fl-Armata tal-Poplu Korean/Ġeneral tal-Forzi tal-Ajru tal-Armata tal-Poplu Korean. Eks membru tal-Kummissjoni Militari Ġentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, li hija korp ewlieni għal kwistjonijiet ta' difiża nazzjonali fir-RDPK. Kmandant tal-Forzi tal-Ajru tal-Armata tal-Poplu tal-Korea u tal-Forzi Kontra l-Inġenji tal-Ajru. Responsabbli mill-għoti ta' sostenn jew mill-promozzjoni ta' programmi tar-RDPK li għandhom x'jaqsmu ma' armi nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħra ta' qerda massiva.
10.	HONG Sung-Mu (magħruf ukoll bħala HUNG Sun Mu; HONG Sung Mu)	Data tat-Twelid: 1.1.1942 Ġeneru: maskil	20.5.2016	Il-Viċi Direttur tad-Dipartiment għall-Industrija tal-Munizzjonijiet (Munitions Industry Department, MID). Inkarigat mill-iżvilupp ta' programmi dwar armi konvenzjonali u missili, inklużi l-missili ballistiċi. Wieħed mill-persuni ewlenin responsabbli għall-programmi għall-iżvilupp industrijali tal-armi nukleari. Bħala tali, responsabbli għal programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi, jew ma' armi oħrajn ta' qerda massiva. Kien xhud għall-illanċjar tal-missila ballistika interkontinentali Hwasong-15 fit-28 ta' Novembru 2017.
11.	JO Kyongchol (magħruf ukoll bħala JO Kyong Chol)	Ġeneru: maskil	20.5.2016	Ġeneral tal-Armata tal-Poplu Korean. Eks membru tal-Kummissjoni Militari Ġentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, li hija korp ewlieni għal kwistjonijiet ta' difiża nazzjonali fir-RDPK. Direttur tal-Kmand Militari tas-Sigurtà. Responsabbli mill-għoti ta' sostenn jew mill-promozzjoni ta' programmi tar-RDPK li għandhom x'jaqsmu ma' armi nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħra ta' qerda massiva. Akkumpanja lil Kim Jong Un għall-akbar taħriġ li qatt sar tal-artillerija li twassal fit-tul.
12.	KIM Chun-sam (magħruf ukoll bħala KIM Chun Sam)	Ġeneru: maskil	20.5.2016	Ġeneral Logutenent, membru tal-Kummissjoni Militari Ġentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, li huwa l-korp ewlieni għall-kwistjonijiet marbutin mad-difiża nazzjonali fir-RDPK. Eks Direttur tad-Dipartiment tal-Operazzjonijiet tal-Kwartieri Ġenerali Militari tal-Armata tal-Poplu Korean u l-ewwel viċi kap tal-Kwartieri Militari. Responsabbli mill-għoti ta' sostenn jew mill-promozzjoni ta' programmi tar-RDPK li għandhom x'jaqsmu ma' armi nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħra ta' qerda massiva.

13.	KIM Chun-sop (magħruf ukoll bħala KIM Chun Sop)	Ġeneru: maskil	20.5.2016	Eks Direttur tad-Dipartiment għall-Industrija tal-Munizzjonijiet (Munitions Industry Department, MID). Eks membru tal-Kummissjoni tad-Difiża Nazzjonali, li issa ġiet irrifirmata fil-Kummissjoni tal-Affarijiet Statali (SAC), li hija korp ewlieni għal kwistjonijiet ta' difiża nazzjonali fir-RDPK. Responsabbli mill-għoti ta' sostenn jew mill-promozzjoni ta' programmi tar-RDPK li għandhom x'jaqsmu ma' armi nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħra ta' qerda massiva. Kien f'sessjoni tar-ritratti għal dawkl li kkontribwew għas-suċċess tat-test SLBM f'Mejju 2015.
14.	KIM Jong-gak (magħruf ukoll bħala KIM Jong Ġak)	Data tat-Twelid: 20.7.1941 Post tat-Twelid: Pyongyang, RDPK Ġeneru: maskil	20.5.2016	Eks Direttur tad-Dipartiment Politiku Ġenerali tal-Armata tal-Poplu Korean. Viċi Marixxall fl-Armata tal-Poplu Korean, rettur tal-Università Militari ta' Kim Il-Sung, eks Ministru għall-Forzi Armati tal-Poplu u eks membru tal-Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, li hija korp ewlieni għal kwistjonijiet ta' difiża nazzjonali fir-RDPK. Responsabbli mill-għoti ta' sostenn jew mill-promozzjoni ta' programmi tar-RDPK li għandhom x'jaqsmu ma' armi nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħra ta' qerda massiva.
15.	KIM Rak Kyom (magħruf ukoll bħala KIM Rak-gyom; KIM Rak Gyom)	Ġeneru: maskil	20.5.2016	Ġeneral b'Erba' Stilel, Kmandant tal-Forzi Ballistiċi Strateġiċi, entità deżinjata min-Nazzjonijiet Uniti, li hu rappurtat li issa jikkmanda erba' unitajiet strateġiċi u tekniċi tal-missili, inkluża l-brigata KN-08 (ICBM). Eks membru tal-Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, li hija korp ewlieni għal kwistjonijiet ta' difiża nazzjonali fir-RDPK. Rapporti fil-mezzi tax-xandir identifikaw lil KIM bħala li attenda t-test tal-magni tal-ICBM li sar f'April 2016 ma' KIM Jong Un. Responsabbli mill-għoti ta' sostenn jew mill-promozzjoni ta' programmi tar-RDPK li għandhom x'jaqsmu ma' armi nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħra ta' qerda massiva. Ordna t-taħriġ tal-isparar tal-missili ballistiċi.
16.	KIM Won-hong (magħruf ukoll bħala KIM Won Hong)	Data tat-Twelid: 7.1.1945 Post tat-Twelid: Pyongyang, RDPK Nru tal-passaport: 745310010 Ġeneru: maskil	20.5.2016	Ġeneral. Eks Viċi Direttur Ewlieni tad-Dipartiment tal-Politika Ġenerali tal-Armata tal-Poplu Korean. Eks Direttur tad-Dipartiment tas-Sigurtà tal-Istat. Eks Ministru għas-Sigurtà tal-Istat. Membru tal-Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea u l-Kummissjoni tad-Difiża Nazzjonali, li kienet korp ewlieni għal kwistjonijiet ta' difiża nazzjonali fir-RDPK qabel ma ġiet mibdula għall-Kummissjoni tal-Affarijiet Statali (SAC), li huma l-korpi ewlenin għal kwistjonijiet ta' difiża nazzjonali fir-RDPK. Responsabbli mill-għoti ta' sostenn jew mill-promozzjoni ta' programmi tar-RDPK li għandhom x'jaqsmu ma' armi nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħra ta' qerda massiva.
17.	PAK Jong-chon (magħruf ukoll bħala PAK Jong Chon)	Ġeneru: maskil	20.5.2016	Ġeneral fl-Armata tal-Poplu Korean, Kap tal-Persunal Ġenerali minn April 2019; membru tal-Politburo minn April 2020. Eks membru tal-Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, li hija korp ewlieni għal kwistjonijiet ta' difiża nazzjonali fir-RDPK. Responsabbli mill-għoti ta' sostenn jew mill-promozzjoni ta' programmi tar-RDPK li għandhom x'jaqsmu ma' armi nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħra ta' qerda massiva.

18.	LI Yong-ju (magħruf ukoll bħala RI Yong Ju)	Ġeneru: maskil	20.5.2016	Ammirall tal-Armata tal-Poplu Korean. Eks membru tal-Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, li hija korp ewlieni għal kwistjonijiet ta' difiża nazzjonali fir-RDPK. Kap Kmandant tal-Forzi Navali tal-Poplu Korean li huma involuti fl-iżvilupp ta' programmi ta' Missili Ballistiċi u fl-iżvilupp ta' kapaċitajiet nukleari tal-forzi navali tar-RDPK. Responsabbli mill-għoti ta' sostenn jew mill-promozzjoni ta' programmi tar-RDPK li għandhom x'jaqsmu ma' armi nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħra ta' qerda massiva.
19.	SON Chol-ju (magħruf ukoll bħala SON Chol Ju)	Ġeneru: maskil	20.5.2016	Ġeneral tal-Armata tal-Poplu Korean. Viċi Direttur responsabbli għall-organizzazzjoni tal-Armata tal-Poplu tal-Korea u eks Direttur Politiku tal-forzi tal-Ajru u ta' Kontra l-ajru, li tissorvelja l-iżvilupp ta' rokits modernizzati kontra l-inġenji tal-ajru. Responsabbli mill-għoti ta' sostenn jew mill-promozzjoni ta' programmi tar-RDPK li għandhom x'jaqsmu ma' armi nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħra ta' qerda massiva.
20.	YUN Jong-rin (magħruf ukoll bħal YUN Jong Rin)	Ġeneru: maskil	20.5.2016	Ġeneral, eks kmandant tal-Kmand tal-Gwardja Suprema. Eks membru tal-Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea u membru tal-Kummissjoni tad-Difiża Nazzjonali, li hija korp ewlieni għal kwistjonijiet ta' difiża nazzjonali fir-RDPK qabel ma ġiet mibdula għall-Kummissjoni tal-Affarijiet Statali (SAC), li huma l-korpi ewlenin kollha għal kwistjonijiet ta' difiża nazzjonali fir-RDPK. Responsabbli mill-għoti ta' sostenn jew mill-promozzjoni ta' programmi tar-RDPK li għandhom x'jaqsmu ma' armi nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħra ta' qerda massiva.
21.	HONG Yong Chil	Ġeneru: maskil	20.5.2016	Il-Viċi Direttur tal-Machine-Building Industry Department (MBID). Id-Dipartiment għall-Industrija tal-Munizzjonijiet — elenkat mill-KSNU fit-2 ta' Marzu 2016 — huwa involut f'aspetti ewlenin tal-programm tal-missili tar-RDPK. L-MID huwa responsabbli għas-sorveljanza tal-iżvilupp tal-missili ballistiċi tar-RDPK, inkluża t-Taepo Dong-2, il-produzzjoni ta' armi u ta' programmi ta' Riċerka u Żvilupp. It-Tieni Kumitat Ekonomiku u s-Second Academy of Natural Sciences — ukoll indikati f'Awwissu 2010 — huma subordinati għall-MID. Fis-snin reċenti l-MID ħadem biex jiżviluppa l-KN08 road-mobile ICBM. HONG akkumpanja lil KIM Jong Un f'għadd ta' attivitajiet relatati mal-iżvilupp tal-programmi tal-armi nukleari u tal-missili ballistiċi tar-RDPK u hu mifhum li kellu rwol sinifikanti fit-test nukleari tar-RDPK tas-6 ta' Jannar 2016. Viċi Direttur tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea. Responsabbli mill-għoti ta' sostenn jew mill-promozzjoni ta' programmi tar-RDPK li għandhom x'jaqsmu ma' armi nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħra ta' qerda massiva. Kien preżenti fuq il-post għat-test tal-ġett b'magna tat-tip ICBM ġdida f'April 2016.

22.	RI Hak Chol (magħruf ukoll bħala RI Hak Chul, RI Hak Cheol)	Data tat-Twelid: 19.1.1963 jew 8.5.1966 Passaport: 381320634; PS-563410163 Ġeneru: maskil	20.5.2016	President tal-Green Pine Associated Corporation ("Green Pine"). Skont il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tan-NU, il-Green Pine ħadet f'idejha ħafna mill-attivitajiet tal-Korea Mining Development Trading Corporation (KOMID). Il-KOMID ġiet elenkata mill-Kumitat f'April 2009 u hija l-kummerċjant ewlieni ta' armi tar-RDPK u wkoll l-esportatur prinċipali ta' prodotti u tagħmir marbuta mal-missili ballistiċi u l-armi konvenzjonali. Il-Green Pine hija responsabbli wkoll għal kważi nofs l-armi u l-materjal esportati mir-RDPK. Il-Green Pine ġiet identifikata minħabba l-esportazzjoni ta' armi u materjal relatat mir-RDPK. Il-Green Pine tispeċjalizza fil-produzzjoni ta' inġenji u armamenti militari marittimi, bħal sottomarini, dgħajjes militari u sistemi ta' missili, u esportat torpedos u assistenza teknika lill-impriżi Iranjani relatati mad-difiża. Il-Green Pine ġiet indikata mill-KSNU.
23.	YUN Chang Hyok	Data tat-Twelid: 9.8.1965 Ġeneru: maskil	20.5.2016	Viċi Direttur taċ-Ċentru tal-Kontroll tas-Satelliti, in-National Aerospace Development Administration (NADA). In-NADA hija soġġetta għal sanzjonijiet taħt il-UNSCR 2270 (2016) għall-involviment fl-iżvilupp tar-RDPK ta' xjenza u teknoloġija tal-ispazju, inkluż it-tluġh ta' satelliti u rokits li jgħorru missili. Il-UNSCR 2270 (2016) ikkundannat it-tluġh tas-satellita tar-RDPK tas-7 ta' Frar 2016 minħabba l-użu ta' teknoloġija tal-missili ballistiċi u minħabba li kien fi ksur serju tar-riżoluzzjonijiet 1718 (2006), 1874 (2009), 2087 (2013), u 2094 (2013). Responsabbli mill-ġhoti ta' sostenn jew mill-promozzjoni ta' programmi tar-RDPK li għandhom x'jaqsmu ma' armi nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħra ta' qerda massiva.
24.	RI Myong Su	Data tat-Twelid: 1937 Post tat-Twelid: Myongchong, Tramuntana ta' Hamgyong, ir-RDPK Ġeneru: maskil	7.4.2017	Viċi Marixxall tal-Armata tal-Poplu Korean, l-ewwel viċi kmandant tal-Kmand Suprem tal-Armata tal-Poplu Korean. Sal-2018, membru tal-Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea u Kap tal-Persunal tal-Forzi Armati tal-Poplu. Ri Myong Su għadu influwenti fi kwistjonijiet ta' difiża nazzjonali inkluż il-programmi tar-RDPK li għandhom x'jaqsmu ma' armi nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħra ta' qerda massiva. Ri ilu żmien twil membru tal-Assemblea Suprema tal-Poplu (SPA); li bħalissa hija l-14-il waħda.
25.	SO Hong Chan	Data tat-Twelid: 30.12.1957 Post tat-Twelid: Kangwon, RDPK Passaport: PD836410105 Data ta' skadenza tal-passaport: 27.11.2021 Ġeneru: maskil	7.4.2017	L-ewwel Viċi Ministru u Direttur tal-Uffiċċju tal-Loġistika tal-Forzi Armati tal-Poplu, membru tal-Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea u Ġeneral fil-Forzi Armati tal-Poplu. F'din il-kariga, So Hong Chan huwa responsabbli għall-appoġġ jew il-promozzjoni tal-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi, jew ma' armi oħrajn ta' qerda massiva.

26.	WANG Chang Uk	Data tat-Twelid: 29.5.1960 Ġeneru: maskil	7.4.2017	Ministru għall-Industrija u l-Enerġija Atomika. F'din il-kariga, Wang Chang Uk huwa responsabbli għall-appoġġ jew il-promozzjoni tal-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi, jew ma' armi oħrajn ta' qerda massiva.
27.	JANG Chol	Data tat-Twelid: 31.3.1961 Post tat-Twelid: Pyongyang, RDPK Numru tal-passaport: 563310042 Ġeneru: maskil	7.4.2017	Eks president tal-Akkademja tax-Xjenza tal-Istat, organizzazzjoni dedikata għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet teknoloġiċi u xjentifiċi tar-RDPK. F'din il-kapaċità, Jang Chol kellu pożizzjoni strateġika għall-iżvilupp ta' attivitajiet nukleari tar-RDPK. Bħala tali, responsabbli mill-għoti ta' sostenn jew mill-promozzjoni ta' programmi tar-RDPK li għandhom x'jaqsmu ma' armi nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħra ta' qerda massiva.”.

(2) Fl-Anness XV għar-Regolament (UE) 2017/1509, il-Parti (b) ('Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi indikati f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 34(4)'), l-entrata 2 tiġi sostitwita b'dan li ġej:

	Isem (u alternattivi possibbli)	Post	Data tad-deżinjazzjoni	Raġunijiet
“2.	Korean Ryengwang Trading Corporation magħrufa ukoll bħala KOREA RAYON-GWANG TRADING CORPORATION	Rakwon-dong, Pothonggang District, Pyongyang, RDPK	22.12.2009	Sussidjarja tal-Korea Ryongbong General Corporation (entità ddeżinjata mill-KSNU, 24.4.2009).”.

(3) Fl-Anness XV għar-Regolament (UE) 2017/1509, il-Parti (c) ('Persuni fiżiċi indikati f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 34(4)'), l-entrati 1 sa 6 jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

	Isem (u alternattivi possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-deżinjazzjoni	Raġunijiet
“1.	JON Il-chun (magħruf ukoll bħala JON Il Chun)	Data tat-Twelid: 24.8.1941 Ġeneru: maskil	22.12.2010	Fi Frar tal-2010, KIM Tong-un tkeċċa mill-kariga tiegħu ta' direttur tal-“Uffiċċju 39”, li huwa, fost affarijiet oħra, inkarigat mix-xiri ta' prodotti mir-rappreżentanzi diplomatiċi tar-RDPK billi jevita s-sanzjonijiet. Huwa ġie sostitwit minn JON Il-chun. Rappreżentant tal-Kummissjoni tad-Difiża Nazzjonali, li kienet korp ewlieni għal kwistjonijiet tad-difiża nazzjonali fir-RDPK qabel ma ġie rrifurmat fil-Kummissjoni tal-Affarijiet Statali (State Affairs Commission, SAC), ġie elett direttur ġenerali tal-Bank għall-Iżvilupp Statali f'Marzu 2010. Membru supplenti tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema elett f'Mejju tal-2016 waqt is-Seba' Kungress tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, fejn il-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea adotta deċiżjoni biex ikompli bil-programm nukleari tar-RDPK.
2.	KIM Tong-un (magħruf ukoll bħala KIM Tong Un)	Ġeneru: maskil	22.12.2009	Eks direttur ta' “Uffiċċju 39” tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea li huwa involut fil-finanzjament tal-proliferazzjoni. Fl-2011, allegatament kien responsabbli minn “Uffiċċju 38” biex jinġabru fondi għat-tmexxija u għall-elit.

3.	KIM Yong Nam (KIM Yong-Nam, KIM Young-Nam, KIM Yong-Gon)	Data tat-Twelid: 2.12.1947 Post tat-Twelid: Sinuju, RDPK Ġeneru: maskil	20.4.2018	KIM Yong Nam ġie identifikat mill-Bord ta' Esperti bħala aġent tar-Reconnaissance General Bureau, entità li ġiet iddeżinjata min-Nazzjonijiet Uniti. Hu u ibnu KIM Su Gwang ġew identifikati mill-Bord ta' Esperti bħala involuti f'sensiela ta' Prattiki Finanzjarji qarrieqa li setgħu jikkontribwixxu għall-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħrajn tal-qerda massiva. KIM Yong Nam fetaħ diversi kontijiet kurrenti u ta' tfaddil fl-Unjoni u ġie involut f'għadd ta' trasferimenti bankarji kbar lejn kontijiet bankarji fl-Unjoni jew lejn kontijiet barra l-Unjoni waqt li kien qed jaħdem fil-korp diplomatiku, inkluż lejn kontijiet f'isem ibnu KIM Su Gwang u l-mara ta' ibnu KIM Kyong Hui.
4.	DJANG Tcheul Hy (JANG Tcheul-hy, JANG Cheul-hy, JANG Chol-hy, DJANG Cheul-hy, DJANG Chol-hy, DJANG Tchou-lhy, Kim Tcheul-hy)	Data tat-Twelid: 11.5.1950 Post tat-Twelid: Kangwon Ġeneru: femminil	20.4.2018	DJANG Tcheul Hy kienet involuta, flimkien mar-raġel tagħha KIM Yong Nam, binha KIM Su Gwang u l-mara ta' binha KIM Kyong Hui f'sensiela ta' Prattiki Finanzjarji qarrieqa li setgħu jikkontribwixxu għall-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħrajn tal-qerda massiva. Kienet is-sid ta' diversi kontijiet bankarji fl-Unjoni li nfetħu minn binha KIM Su Gwang fisimha. Kienet involuta wkoll f'diversi trasferimenti bankarji minn kontijiet mill-mara ta' binha KIM Kyong Hui lejn kontijiet bankarji barra l-Unjoni.
5.	KIM Su Gwang (KIM Sou-Kwang, KIM Sou-Gwang, KIM Son-Kwang, KIM Su-Kwang, KIM Soukwang, KIM Su-gwang, KIM Son-gwang)	Data tat-Twelid: 18.8.1976 Post tat-Twelid: Pyongyang, RDPK Diplomatiku, Ambaxxata tal-RDPK, Belarus Ġeneru: maskil	20.4.2018	KIM Su Gwang ġie identifikat mill-Bord ta' Esperti bħala aġent tar-Reconnaissance General Bureau, entità li ġiet iddeżinjata min-Nazzjonijiet Uniti. Hu u missieru KIM Yong Nam ġew identifikati mill-Bord ta' Esperti bħala involuti f'sensiela ta' Prattiki Finanzjarji qarrieqa li setgħu jikkontribwixxu għall-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħrajn tal-qerda massiva. KIM Su Gwang fetaħ għadd ta' kontijiet bankarji f'diversi Stati Membri, inkluż taħt l-ismijiet ta' membri tal-familja. Kien involut f'diversi trasferimenti bankarji kbar lejn kontijiet bankarji fl-Unjoni jew lejn kontijiet barra l-Unjoni waqt li kien qed jaħdem fil-korp diplomatiku, inkluż lejn kontijiet f'isem il-konjuġi tiegħu KIM Kyong Hui.
6.	KIM Kyong Hui	Data tat-Twelid: 6.5.1981 Post tat-Twelid: Pyongyang, RDPK Ġeneru: femminil	20.4.2018	KIM Kyong Hui kienet involuta flimkien mar-raġel tagħha KIM Su Gwang, missier ir-raġel tagħha KIM Yong Nam u omm ir-raġel tagħha DJANG Tcheul Hy f'sensiela ta' Prattiki Finanzjarji qarrieqa li setgħu jikkontribwixxu għall-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħrajn tal-qerda massiva. Hi rċeviet diversi trasferimenti bankarji mingħand ir-raġel tagħha KIM Su Gwang u missier ir-raġel tagħha KIM Yong Nam, u ttrasferixxiet flus lejn kontijiet barra mill-Unjoni fisimha jew isem omm ir-raġel tagħha, DJANG Tcheul Hy.”.



(4) Fl-Anness XVI għar-Regolament (UE) 2017/1509, il-Parti (a) ('Persuni fiżiċi'), l-entrati 4 u 24 jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

	Isem (u alternattivi possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-deżinjazzjoni	Raġunijiet
"4.	JON Chol Young magħruf ukoll bħala: JON Chol Yong	Numru tal-passaport: 563410192 Diplomatiku fl-Ambaxxata tar-RDPK għall-Angola Data tat-Twelid: 30.4.1975	22.1.2018	Eks rappreżentant fl-Angola tal-Green Pine Associated Corporation u diplomatiku akkreditat għar-RDPK fl-Angola. Green Pine għet deżinjata min-NU għal attivitajiet inkluż il-ksur tal-embargo tan-NU fuq l-armi. Green Pine nneqozjat ukoll kuntratti għar-rinnovazzjoni ta' bastimenti navali tal-Angola bi ksur tal-projbizzjonijiet imposti mir-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.
24.	SO Tong Myong	Data tat-Twelid: 10.9.1956	3.7.2015	Eks president tal-Korea National Insurance Corporation (KNIC), eks President tal-Kumitat tal-Maniġment Eżekuttiv tal-KNIC (Ġunju 2012); eks Maniġer Ġenerali tal-KNIC, Settembru 2013, li jaġixxi fisem il-KNIC jew fuq id-direzzjoni tagħha.”.

(5) Fl-Anness XVI għar-Regolament (UE) 2017/1509, il-Parti (b) ('Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi'), l-entrata 4 tiġi sostitwita b'dan li ġej:

	Isem (u alternattivi possibbli)	Post	Data tad-deżinjazzjoni	Raġunijiet
"4.	Pan Systems Pyongyang magħrufa wkoll bħala Wonbang Trading Co.; Glocom; International Golden Services; International Global System	Indirizz: Room 818, Pot-honggang Hotel, Ansan-Dong, Pyongchon district, Pyongyang, DPRK.	16.10.2017	Pan Systems assistiet fl-evazzjoni ta' sanzjonijiet imposti mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti permezz tat-tentattiv ta' bejgħ ta' armi jew materjal relatat lill-Eritrea. Pan Systems hija wkoll ikkontrollata minn, u taħdem fisem, Reconnaissance General Bureau, entità li għet iddeżinjata min-Nazzjonijiet Uniti.”.